**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Ġunju, 2021**

**Rikors Nru: 529/2021**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 676/2021 fl-ismijiet:**

***JOHAN HUY***

***VS.***

***MARK ATTARD***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar għadd ta' talbiet imressqa minn Mark Attard: (i) sabiex jieqfu l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtetatorju 676/2021 u kif ukoll li jitħallsu d-danni u l-imgħaxijiet għaliex ma saritx kawża fiż-żmien li jsemmi l-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; (ii) sabiex jitneħħa l-istess mandat għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(a)** u/jew **(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (iii) sabiex titħallas penali għaliex jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8)(a), (b)** u/jew **(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fil-**<u>31 ta' Mejju, 2021</u>**, Mark Attard fisser li huwa ġie milqut b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju 676/2021, fis-somma ta' €50,000, maħruġ fuq talba ta' Johan Huy. Huwa jtenni li qabel il-ħruġ ta' dan il-mandat, huwa qatt ma kien irċieva xi talba mingħand Johan Huy biex iħallas xi danni jew biex jipprovdi xi garanzija. Iżid jgħid ukoll, li Huy ma ressaqx kawża kontrih fiż-żmien li tgħid il-liġi u li l-ħruġ ta' dan il-mandat kien wieħed kattiv, li sar b'rieda ħażina. Għalhekk huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

> *«(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi s-sekwestrant Johan Huy naqas milli jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 676/2021 fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-imsemmi mandat, u dan bi ksur tal-artikolu 843(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *(ii) konsegwentement tiddikjara illi l-effetti tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 676/2021 għandhom jieqfu, kif stipulat fl-artikolu 843(2) tal-Kap. 12, u tawtorizza l-ħruġ tal-opportun kontro-mandat;*
>
> *(iii) tiddikjara illi bin-nuqqas illi jagħmel il-kawża fiż-żmien utli mogħti bil-liġi s-sekwestrant Johan Huy irrenda ruħu responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha kif stipulat fl-artikolu 843(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *(iv) tillikwida tali danni u imgħaxijiet illi għalihom is-sekwestrant Johan Huy irrenda ruħu responsabbli, kif fuq imsemmi;*

*(v) tikkundanna lis-sekwestrant Johan Huy biex iħallas lill-esponent id-danni u l-imgħaxijiet kif likwidati;*

*(vi) għal kull bwon fini tiddikjara – u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta - illi l-ammont reklamat mis-sekwestrant Johan Huy fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 676/2021 mhux talli mhuwiex prima facie ġustifikat iżda huwa ineżistenti u vvintat;*

*(vii) tikkundanna lis-sekwestrant Johan Huy biex iħallas lir-rikorrent odjern Mark Attard penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 (liema penali l-esponenti jitlob li fiċ-ċirkostanzi ottenenti għandha tkun fl-ammont massimu ta' €6,988.12) u dan b'konsegwenza tal-fatt illi -:*

*(a) is-sekwestrant Johan Huy mingħajr raġuni valida m'għamilx il-kawża dwar it-talba kontenuta fil-mandat fiż-żmien stabbilit bil-liġi, u dan a tenur tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kap. 12; u/jew*

*(b) is-sekwestrant Johan Huy m'għandu ebda bażi biex jiġġustifika li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 676/2021 kellu jinħareġ oltre illi naqas milli jitlob lill-esponent biex iħallas l-allegat danni jew jipprovdi sigurtà biżżejjed qabel ma ppreżenta l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u dan a tenur tal-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12; u/jew*

*(ċ) it-talba tas-sekwestrant Johan Huy għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 676/2021 kjarament saret b'malizzja, u dan a tenur tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-sekwestrant Johan Huy u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra talvolta spettanti lill-esponent skond il-liġi.»*

3. B'digriet tagħha tat-**2 ta' Ġunju, 2021**, il-Qorti ordnat in-notifika lil Johan Huy, bi żmien sebat ijiem għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Mark Attard;

4. Minkejja li Johan Guy ġie notifikat fl-4 ta' Ġunju, 2021, huwa għażel li ma jdaħħal l-ebda nota;

5. Inżamm smigħ fit-**28 ta' Ġunju, 2021** u dakinhar il-qorti għaddiet għad-deċiżjoni tagħha;

***Fatti***

6. Bejn Mark Attard u Johan Huy kien hemm relazzjoni ta' sid u kerrej. Mark Attard għażel li ma jġeddidx il-kirja, iżda Johan Huy ippretenda li jikseb dan it-tiġdid;

7. B'sentenza mogħtija fid-**9 ta' Diċembru, 2020**, il-Bord Li Jirregola l-Kera ta sentenza, li bis-saħħa tagħha laqa' talba ta' Mark Attard, biex Johan Huy jitlaq mid-dar, bl-isem '*Denise*', li tinsab fi Triq is-Soll, Santa Venera. Johan Huy appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) u l-appell jinsab imħolli għas-sentenza finali għat-22 ta' Settembru, 2021;

8. Fil-**5 ta' Mejju, 2021**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' Johan Huy biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Mark Attard, fl-ammont ta' €50,000;

9. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-ammont kienet minħabba, «*danni kkaġunati mis-sekwestrat lis-sekwestranti bl-aġir abbużiv tiegħu, fosthom il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru 60/21 u danni kollha sofferti minħabba l-azzjonijiet tas-sekwestrat*»;

10. Wara li ntlaqa' l-mandat, il-Bank of Valletta p.l.c. u l-HSBC Malta plc ppreżentaw fl-atti tal-istess mandat, żewġ ċedoli ta' depożitu ta' flejjes li kienu miżmumin magħhom fuq isem Mark Attard;

11. Johan Huy fetaħ kawża fit-**<u>28 ta’ Mejju, 2021</u>**, fl-ismijiet ***Johan Huy pro et nomine v. Mark Attard*** **(Rik Nru: 514/2021),** fejn fiha huwa talab illi jiġi mħallas għad-danni li allegatament ġarrab minħabba l-azzjonijiet meħuda minn Mark Attard. Fil-kawża, Johan Huy ma semma l-ebda ammont ta’ ħlas speċifiku, iżda ħalla l-likwidazzjoni f’idejn il-Qorti, bl-għejun, jekk ikun hemm bżonn, ta’ perit tekniku;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Il-Qorti sejra tibda billi l-ewwel tqis l-**<u>ewwel żewġ talbiet</u>** marbuta mal-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

13. Skont dan l-artikolu tal-liġi, mandat jitlef l-effetti tiegħu jekk kemm-il darba ma ssirx kawża dwar il-jedd imsemmi fil-mandat, fi żmien għoxrin jum minn meta jkun inħareġ il-mandat. L-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** jgħodd għall-mandat ta’ sekwestru bit-tħaddim tal-**artikolu 849 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

14. Hekk kif imtenni mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, f’***Raymond Meli v. David Meli pro et noe*** deċiża fid-29 ta’ Frar, 2008, «*Jekk min joħroġ Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni meħtieġa fiż-żmien mogħti mil-liġi, il-mandat jaqa’ hekk kif jgħaddi dak iż-żmien»;*

15. Iż-żmien ta’ għoxrin jum imsemmi fl-**artikolu 843** mhuwiex wieħed perentorju għaliex skont l-**artikolu 844** dan iż-żmien jista’ jittawwal bi qbil mal-parti li kontra tagħha jkun ġie esegwit il-mandat. Dan il-qbil però biex ikun jiswa jrid jiġi muri permezz ta’ nota ppreżentata fir-reġistru. Fil-każ tagħna, ma ġiet ippreżentata l-ebda nota biex jittawwal iż-żmien ta’ għoxrin jum imsemmi fil-liġi. Għalhekk xogħol il-qorti f’dan il-każ huwa li tistħarreġ jekk Johann Huy fetaħx il-kawża fi żmien għoxrin jum minn meta kiseb il-mandat;

16. Mill-atti joħroġ li l-mandat inħareġ fil-5 ta' Mejju, 2021. Jiġi b'hekk, li jekk wieħed jieħu din id-data bħala l-*punctum temporis* ta' meta beda jiġri t-terminu ta' għoxrin jum, allura suppost il-kawża kellha titressaq sal-25 ta' Mejju, 2021. Dakinhar kien jaħbat il-jum tal-Ħamis. Il-kawża mnedija minn Johan Huy daħlet iżda fit-28 ta' Mejju, 2021, jiġifieri tlitt jiem tard;

17. Anke jekk bi tlitt ijiem tard, dan kien fatali għal Johan Huy biex iżomm ħaj il-mandat tiegħu. Il-liġi trid li biex mandat jibqa' fis-seħħ, dan irid jiġi segwit b'kawża li trid titressaq fi żmien għoxrin jum. Johan Huy ma ressaqx il-kawża f'dan iż-żmien u għalhekk bir-rieda tal-liġi l-mandat katwelatorju 676/2021 ma jistax jitqies li għadu fis-seħħ;

18. L-**artikolu 843(2)** jista' iżda jsalva l-mandat jekk jintwera li l-kawża ma saritx fi żmien għoxrin jum minħabba raġuni tajba. Madankollu l-ġurisprudenza tgħallimna li l-liġi ma tagħtix diskrezzjoni wisq wiesgħa lill-qorti biex tistħarreġ x'setgħet kienet ir-raġuni li għaliha l-parti esekutanti tkun naqset milli tiftaħ il-kawża fiż-żmien wara li tkun kisbet il-ħruġ favuriha ta' mandat kawtelatorju (ara ***Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited et v. Market Handle Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Diċembru, 2011 u ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001);

19. Sewwasew, fil-każ tagħna, Johan Huy ma ressaq l-ebda raġuni fejjieda għaliex huwa naqas milli jressaq il-kawża tiegħu fiż-żmien li tgħid il-liġi. Kemm hu hekk, lanqas biss daħħal nota sabiex iwieġeb għal dan ir-rikors;

20. Għalhekk minħabba n-nuqqasijiet tiegħu, din il-qorti ma tistax ħlief taqbel mal-ewwel żewġ talbiet ta' Mark Attard li l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 676/2021 intemmu *ope legis*, u li għalhekk dan il-mandat m'għadux fis-seħħ;

21. Il-Qorti sejra issa tissokta billi tqis it-**<u>tielet, ir-raba' u l-ħames talba</u>** ta' Mark Attard biex il-Qorti tiddikjara, tillikwida u tikkundanna d-danni u l-imgħaxijiet li jridu jitħallsu minn Johan Huy talli ma fetaħx il-kawża fiż-żmien li tgħid il-liġi;

22. Fil-fehma tal-Qorti talbiet bħal dawn ma jistgħux jitressqu b'sempliċi rikors. Mod ieħor, talbiet ta' dawn ix-xejra jeħtieġu li jsiru b'azzjoni ġdida bis-saħħa ta' rikors maħluf u mhux fil-qafas ta' rikors, marbut mat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju;

23. Kif tajjeb ġie mfisser mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha, ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2014, *«il-proċedura għat-tħassir tal-Mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-prima facie u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata.»* (ara wkoll ***Joseph Demicoli v. Coleiro General Supplies Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Awwissu, 2018);

24. Għalkemm dawn iż-żewġ deċiżjonijiet li għadhom kif issemmew kienu jolqtu d-danni msemmija fl-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, madankollu din il-qorti tħoss li dak li ntqal fihom jgħodd ukoll għad-danni u l-imgħaxijiet imsemmija fl-**artikolu 843(2)**;

25. Illi għalhekk, il-qorti ssib li dawn it-tliet talbiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni u mgħax taħt l-**artikolu 843(2)** ma jistgħux jintlaqgħu għaliex saru f'att ġudizzjarju ħażin skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

26. Illi bis-**<u>sitt talba</u>** tiegħu, Mark Attard jitlob lill-qorti biex il-mandat jitneħħa skont l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex fil-fehma tiegħu l-ammont mitlub minn Johan Huy fil-mandat mhux biss mhuwiex ġustifikat mad-daqqa t'għajn, iżda saħansitra ma jeżistix u ġie vvintat;

27. Il-qorti ma tqisx li għandha tiddeċiedi din it-talba ladarba hija sabet li l-mandat inkwistjoni m'għadux fis-seħħ minħabba li ma saritx kawża fiż-żmien li tgħid il-liġi;

28. Jifdal biss is-**<u>seba' talba</u>**, biex Johan Huy jiġi kkundannat iħallas penali skont l-**artikolu 836(8)(a), (b)** jew **(d)**;

29. L-<u>ewwel raġuni</u> msemmija minn Mark Attard għaliex Johan Huy għandu jeħel penali hija għaliex ma saritx kawża fiż-żmien li tgħid il-liġi (**artikolu 836(8)(a)**);

30. Fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001, intqal hekk dwar din il-kawżali:

> *«Jidher illi taħt dan ir-rigward il-leġislatur kien riġidu u* ***fis-sub-inċiż 8(a) tal-artikolu 836*** *rabat l-impożizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra d-debitur fiż-żmien statutorjament prefiss. Dana indipendentement mir-raġuni li minħabba fiha jkun avvera ruħu b'dan il-fatt. Indipendentement mill-mala fede jew buona fede tal-kreditur u mingħajr il-ħtieġa li jiġi provat li dan kien baqa' inadempjenti bil-ħsieb li jabbuża mill-proċess ġudizzjarju. Jidher allura li taħt dan is-subinċiż l-unika difiża li setgħet tkun bħala regola ammisibbli da parti tar-rikorrent kreditur kienet jekk jiġi stabbilit illi t-terminu statutorju kien ġie estiż espressament jew almenu taċitament bil-kunsens tad-debitur. Prova din li mill-atti bl-ebda mod ma tirriżulta»;*

31. Fl-istess deċiżjoni kompla jingħad li penali ta' din ix-xorta hi imposta bil-liġi bħala miżura ta' ordni pubbliku biex tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex tiżgura wkoll illi l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jiġix abbużat, kif faċilment jista' jiġi, bil-ħsieb li jdejjaq jew iweġġa' lill-allegat debitur;

32. Ta' min jgħid li għalkemm din id-deċiżjoni ta' ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** ingħatat aktar minn għaxar snin ilu, madankollu l-imsemmija deċiżjoni baqgħet tiġi mtennija anke fiż-żminijiet tal-lum. Ara pereżempju d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021, fl-ismijiet ***Antoine Portelli et v. Graham Testa***;

33. Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-prinċipji misluta mill-ġurisprudenza, il-qorti ssib li Johan Huy tabilħaqq ħaqqu jeħel penali taħt l-**artikolu 836(8)(a)** għaliex huwa la wera li t-terminu għall-preżentata tal-kawża ġie mtawwal bi qbil bejn il-partijiet, permezz ta' nota magħmula skont l-**artikolu 844** fuq imsemmi, u lanqas ma provda raġuni tajba għaliex ma fetaħx il-kawża fi żmien għoxrin jum wara l-ħruġ tal-mandat;

34. Huwa minnu li l-kawża saret tlitt ijiem wara l-għeluq tat-terminu, madankollu dan ma jeħlisx lil Johan Huy mill-ħlas tal-penali. It-terminu għall-preżentata tal-kawża għandu dejjem jibqa' wieħed oġġettiv, kif stabbilit mil-liġi jew inkella bi qbil bejn l-esekutat u l-esekutant. Żgur però, dan it-terminu ma jistax jiddependi fuq ir-rieda waħdanija ta' min talab il-mandat għaliex inkella t-terminu jispiċċa wieħed arbitrarju u soġġettiv;

35. Naturalment, għalkemm il-fatt li l-kawża tressqet tlitt ijiem biss tard ma jistax jaħfer lil Huy mill-ħlas tal-penali, madankollu dan il-fatt għandu u sejjer jitqies fl-ammont ta' penali li għandha titħallas. Huwa raġonevoli li min ressaq kawża tard għandu jeħel penali li għandha tkun inqas minn dak li ma jkun ressaq kawża qatt;

36. Iżda qabel ngħaddu għall-ammont ta' penali li għandha titħallas minn Huy, jixraq li l-qorti tqis iż-żewġ kawżali l-oħra msemmija minn Mark Attard biex isaħħaħ it-talba tiegħu għat-twaħħil tal-penali. Bilkemm għandu għalfejn jingħad, aktar ma jkun hemm kawżali li jiġġustifikaw it-twaħħil tal-penali, aktar jikbru l-possibilitajiet li l-penali tkun għolja;

37. It-tieni raġuni jew kawżali msemmija minn Mark Attard għaliex Johan Huy għandu jeħel il-penali hija mibnija fuq l-**artikolu 836(8)(b)**;

38. Dan is-subinċiż jgħid li t-twaħħil ta' penali hija mistħoqqha f'żewġ ċirkostanzi differenti, *viz*.

   i. Jekk min talab il-mandat jonqos milli jiġġustifikah; jew
   ii. Sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ta' urġenza, l-esekutant jonqos milli jgħarraf lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, bil-pretensjonijiet li huwa għandu kontrih;

39. Dwar l-ewwel ċirkostanza, ingħad bosta drabi li l-istħarriġ li għandha tagħmel il-qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprija bejn il-partijiet (ara ***Majid Aidi v. Mohammed Mustafa Haman*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Awwissu, 2018);

40. Kif tajjeb saħqet il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***Grazio sive Horace Cachia v. Agostino sive Winston Carbone et,***

> *«fi proċeduri ta' din ix-xorta, l-eżami li jeħtieġ li jsir minn din il-Qorti huwa limitat, għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi skrutinju profond u dettaljat tal-vertenza jibqa' essenzjalment riżervat għall-proċeduri fil-mertu quddiem il-Qorti adita bil-kawża.»*

41. Fuq bażi *prima facie*, il-qorti ma tistax tgħid għalissa li l-pretensjonijiet imressqa minn Johan Huy mhumiex ġustifikati. Huwa qiegħed jargumenta fil-kawża prinċipali tiegħu li ġarrab danni għaliex: (i) il-post mikri lilu minn Mark Attard kellu *fuse box* u arloġġ tad-dawl perikolużi u kamra tal-banju mingħajr ventilazzjoni; (ii) tilef sussidju mill-Gvern minħabba li Mark Attard ma żammx mal-kelma tiegħu li jġeddidlu l-kirja; (iii) saru tibdiliet strutturali fil-post mingħajr permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar; (iv) il-post kien mibni bi ksur tar-regolamenti tas-sanità; u (v) il-post ma setax jintuża bħala *showroom* u ħanut;

42. Mark Attard jista' ma jaqbel xejn ma' dawn il-pretensjonijiet, iżda b'daqshekk ma jfissirx li Johan Huy m'għandux sies legali sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu;

43. Hekk ukoll, għalkemm il-qorti m'għandhiex tagħrif biżżejjed ta' kif Johan Huy wasal għas-somma ta' €50,000 fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u għalkemm il-qorti tista' tifhem il-frustrazzjoni ta' Mark Attard li kellu jintlaqat minn mandat ta' sekwestru katwelatorju minħabba l-allegati danni mitluba minn Johan Huy, madankollu l-qorti ma tħossx li għandha tidħol biex teżamina l-pretensjonijiet fil-mertu taż-żewġ naħat. Fuq kollox, il-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq responsabbiltà ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom u d-dritt ta' dak li jkun li jitlob il-ħruġ ta' mandati simili, biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu, m'għandux jiġi mxekkel inġustament;

44. Għalhekk il-qorti ma ssibx li għandha twaħħal penali lil Johan Huy minħabba din iċ-ċirkostanza;

45. Dwar it-tieni ċirkostanza msemmija fl-**artikolu 836(8)(b)**, *viz*. jekk saritx interpellazzjoni għallinqas ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, intqal kemm-il darba li l-liġi ma tridx li din tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali (ara *inter alia* ***Dimbros Limited v. Philip Agius & Sons Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 t'Awwissu, 2017, ***Office Group Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 t'April, 2017 u ***Ian Sammut v. Entree Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Settembru, 2009);

46. Tajjeb li jingħad ukoll, li l-fatt waħdu li ma tkunx saret talba bħal din, qabel ħmistax-il jum li jkun inħareġ il-mandat, mhijiex meqjusa bħala raġuni awtomatika biex dak li jkun jeħel il-penali. Dan għaliex jekk dak li jkun juri li kien hemm raġuni tajba għaliex ma ressaqx talba preċedenti għall-mandat, il-penali m'għandhiex tingħata (ara ***Office Technology Limited v. J.M. Supplies Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 1999 u ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020);

47. Illi fl-atti ta' din il-proċedura ma hemm xejn x'juri li Johan Huy kien ressaq talba preċedenti lil Mark Attard biex iħallas l-ammont ta' €50,000 imsemmi fil-Mandat. Anzi Johan Huy ma jmerix lil Mark Attard meta dan jgħid fir-rikors tiegħu li l-mandat inħareġ b'sorpiża kbira għaliex lanqas biss għamel risposta;

48. Għalhekk fuq dan il-punt, il-qorti ssib li hemm raġuni tajba biex Johan Huy jeħel penali;

49. It-<u>tielet u l-aħħar raġuni</u> għaliex skont Mark Attard il-Qorti għandha twaħħal penali lil Johan Huy tinsab mibnija fuq l-**artikolu 836(8)(d)**, għaliex fil-fehma tiegħu l-mandat inħareġ b'malizzja;

50. Dwar din il-kawżali l-qorti trid timxi fuq il-prinċipju miżmum fid-deċiżjoni ***Dr. Cedric Mifsud nomine v. Bitconvert Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020, jiġifieri li r-rieda tajba hija preżunta u li l-malizzja jew ħażen iridu dejjem jiġu ppruvati;

51. Huwa minnu li f'dan il-każ inġiebet raġuni tajba biex il-mandat jitneħħa għaliex il-kawża wara l-mandat ma saritx fi żmien li trid il-liġi, b'daqshekk però, ma jfissirx li l-mandat inħareġ b'rieda ħażina. Wara kollox, din il-qorti ġa aktar kmieni tenniet li Johan Huy kellu sies legali li fuqu seta' jitlob il-ħruġ tal-mandat;

52. Għalhekk din il-qorti mhux qed tilqa' din il-kawżali bħala raġuni tajba biex Johan Huy jeħel penali;

53. Kulma jibqa' huwa l-ammont ta' penali li Johan Huy għandu jħallas lil Mark Attard. Il-liġi tgħid fl-**artikolu 836(8)** li l-penali għandha tinżamm bejn €1,164.69 u €6,988.12;

54. Il-qorti tqis li f'dan il-każ Johan Huy ħaqqu jeħel penali għal żewġ raġunijiet differenti: (i) għaliex ma ressaqx il-kawża fi żmien għoxrin jum kif trid il-liġi iżda ressaqha tlitt ijiem wara; u (ii) għaliex mingħajr raġuni tajba huwa qabad u mar għall-ħruġ tal-mandat qabel ma ressaq talba preċedenti dwar il-pretensjonijiet tiegħu. Minħabba f'hekk, il-qorti tqis li penali fl-ammont ta' **<u>€3,000 ewro</u>** għandha titqies bħala waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-rikors tal-31 ta' Mejju, 2021 billi:

i. **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** u b'hekk tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 676/2021 ma nħariġx fiż-żmien imsemmi fl-**artikolu 843(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

ii. **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** u tiddikjara li l-mandat fuq imsemmi ma baqax aktar fis-seħħ minn dakinhar li għaddew l-għoxrin jum li fihom kellha titressaq il-kawża;

iii. **<u>Tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet</u>** għaliex dawn it-talbiet kellhom isiru b'kawża ordinarja mibdija b'rikors maħluf;

iv. **<u>Tastjeni milli tqis is-sitt talba</u>**, ladarba nstab li l-mandat inkwistjoni m'għadux fis-seħħ peress li ma saritx kawża fiż-żmien li tgħid il-liġi;

v. **<u>Tilqa' s-seba' talba biss</u>**, safejn jolqtu r-raġunijiet li l-kawża ma saritx fiż-żmien li tgħid il-liġi u li ma saritx talba preċedenti qabel ma nħareġ il-mandat, u b'hekk tikkundanna lil Johan Huy iħallas penali lil Mark Attard, fis-somma ta' tlitt elef ewro (€3,000); u

vi. **<u>Tordna</u>** li l-ispejjeż kollha marbuta mal-ħruġ u t-tneħħija tal-mandat jitħallsu kollha kemm huma minn Johan Huy;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**